# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 314/2016/LSO**

**Martin Grech (ID: 279984M)**
**u**
**Lourdes Grech (ID: 8567M)**

**vs**

**Alexander Grech (ID: 386770M)**
**u**
**Sandra Grech (ID: 439772M)**
**u**
**Dorothea Grech (ID: 342993M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Martin Grech u Lourdes Grech datat 18 ta’ April 2016 fejn bil-gurament taghhom Martin Grech (ID: 279984M) u Lourdes Grech (ID: 8567M) ikkonfermaw: -

Illi permezz ta' att pubbliku tal-5 ta' Novembru 2014 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Bugeja, l-intimati solidalment ikkostitwew ruhhom favur ir-rikorrenti veri, certi u likwidi debituri fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€22,500) pagabbli permezz ta' pagamenti rateali ta' mitejn ewro (€200), pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar;

Illi inoltre, l-partijiet fl-imsemmija att pubbliku, permezz ta' klawsola numru tlieta (3) u klawsola numru erbgha (4) qablu illi jekk id-debituri, ossija l-intimati f'dina l-kawza jkunu moruzi fil-hlas ta' pagament mensili wiehed u l-kreditur jinterpellahom permezz ta' att gudizzjarju sabiex jaghmlu dan il-pagament, u fiz-zmien gimgha mid-data ta' notifika ta' tali interpellazzjoni huma jibqghu hekk moruzi, huma jitilfu u jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu u jibdew jiddekorru l-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-Ligi u l-bilanc ikun ghaldaqstant dovut kollu f’ daqqa;

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu l-iskadenza tal-1 ta' Marzu, 2016 fis-somma ta' mitejn ewro (€200);

Illi r-rikorrenti debitament interpellaw lill-intimati permezz ta' att gudizzjarju prezentat fil-15 ta Marzu 2016 (ittra numru: 892/2016) sabiex fi zmien gimgha mid-data tan-notifika tal-istess att, jersqu ghall-pagament tal-istess skadenza;

Illi din l-ittra ufficjali giet notifikata lill-intimati kollha fit-23 ta' Marzu, 2016;

Illi l-intimati naqsu illi jhallsu s-somma mitluba lilhom skont l-imsemmi att pubbliku fi zmien gimgha mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali;

Illi ghaldaqstant, l-intimati iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u ghandhom ihallsu b'mod immedjat il-bilanc tas-somma rimanenti skont l-imsemmi att pubbliku li tammonta ghal dsatax-il elf u disa' mitt ewro (€19,900);

Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha hawn dikjarati.

Jghidu ghalhekk ir-rikorrenti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi intimati huma moruzi fil-hlas ta' pagament mensili jew aktar fil-konfront tal-atturi u dan bi ksur tal-obbligu pattwit *permezz* ta' klawsola numru tlieta (3) u erbgha (4) tal-att pubbliku ta' bejn il-partijiet datat il-5 ta' Novembru, 2014 u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Bugeja;

2. Tiddikjara illi konsegwentament il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu koncess lilhom;

3. Tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri solidali tal-atturi fis-somma ta' dsatax-il elf u disa' mitt ewro (€19,900);

4. Tordna lill-konvenuti solidalment jhallsu lill-atturi is-somma ta' dsatax-il elf u disa' mitt ewro (€19,900).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru u tal-ittra ufficjali bin-numru 892/2016 datata l-15 ta Marzu 2016 u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-ittra ufficjali msemmija kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Gunju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2016 (fol 20) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Vassallo ghall-atturi prezenti. Dehru l-konvenuti Alexander u Dorothea Grech. Il-Qorti rat li gew notifikati fit-28 ta' April 2016 izda ma pprezentawx risposta, u ghaldaqstant iddikjarathom kontumaci. Il-Qorti halliet l-kawza ghall-provi tar-rikorrenti anke permezz ta' affidavits fil-mori ghat-18 ta' Ottubru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Vassallo ghall-atturi prezenti fl-Awla, Ii prezenta nota b'affidavits u nforma IiIl-

Qorti li mhux ser jinsisiti ghall-produzzjoni ta' rapprezentant tal-Bank of Valletta, u qed jistrieh fuq il-provi prodotti. Dr Vassallo ddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-Qorti akkordat terminu sal-24 ta' Frar 2017 lill-atturi ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u tiddifferixxi l-kawza minn issa stess ghat-30 ta' Marzu 2017 ghas-sentenza, b'dan li l-intimati ghandhom wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-prezentata tan-nota ta' sottomissjonjiiet tal-atturi, sabiex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Rat li l-atturi ma pprezentawx nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu akkordat u li l-intimati ma pprezentawx in-nota taghhom.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza, tirrigwarda kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Bugeja (Dok A) li permezz tal-istess il-kontendenti ttransigew il-pendenzi li kellhom u l-intimati *in solidum* bejniethom ikkostitwew ruhhom debituri a favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, u hames mitt ewro (€22,500) bil-patti u kondizzjonijiet hemm stipulati. Fost il-kondizzjonijiet hemm li s-somma tithallas f'rati mensili ta' €200 u li l-intimati jitilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom moghti f'kaz li jkunu moruzi fil-hlas ta' anke skadenza wahda u minnkejja interpellazzjoni gudizzjarja, jibqghu hekk inadempjenti. Ghaldaqstant dan il-kuntratt

jistipula kondizzjoni espressa li timponi d-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu tad-debituri.

**Provi:**

**Eunice Grech Fiorini** (fol 43)[1] in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti esebiet kopja ta' ittra ufficjali **Dok EFG1** (fol 32-34) mibghuta mir-rikorrenti lill-intimati, datata tmienja ta' Settembru 2016. Ir-riferti *a tergo* huma pozittivi fil-konfront tat-tlett intimati.

**Joanna Bartolo**, (fol 45)[2] in rapprezentanza tal-BOV plc pprezentat **Dok BOV1**, li hu *statement* intestat f'isem Lourdes Grech, liema kont qalet li nfetah fit-2 ta' Dicembru 2011, u ghadu miftuh sal-lum.

**Martin Grech** xehed permezz ta' affidavit (fol 50-51) fejn qal li hu u martu, proprjetarji ta' hanut f'Marsaskala, kienu krewh lill-intimati, fejn l-intimati naqsu milli jhallsu ammont ta' hlasijiet ta' kera u kontijiet ta' dawl u ilma. Qal li sussegwentement, intlahaq ftehim mal-intimati, li jirritornaw ic-cavetta tal-hanut u permezz tal-att pubbliku, **Dok A** esebit, gie pattwit li l-intimati kellhom jirrestitwixxu d-debitu fl-ammont ta' €22,500, permezz ta' pagament rateali ta' €200 fix-xahar. Illi malli l-pagamenti mensili ma sarux intbaghtet itrra ufficjali lill-intimati. Hu esebixxa kopja tal-*istatement* tal-kont tal-Bank ta' martu fejn kienu jidhlu l-pagamenti mensili, fejn jirrizulta li f'Marzu 2016, l-pagament ma dahalx, u kien sar pagament ulterjuri ferm

[1] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016
[2] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016

wara l-iskadenza ta' gimgha mill-ittra ufficjali li kienet intbaghtet. Hu kkonferma li l-ammont li ghadu dovut solidalment mill-intimati hu ta' €19,900.

**Lourdes Grech**, ikkonfermat bil-gurament permezz ta' affidavit (fol 54) il-kontenut tal-affidavit ta' zewgha Alexander Grech.

**Fattispespecie tal-kaz in ezami:**

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimati huma kontumaci dan ma jfissirx li l-atturi m'ghandhomx jipprovaw il-kaz taghhom. *"Hu pacifiku li l-kontumacja m'hijiex ammissjoni."* (**Charles Saliba vs Salvu Borg** – Appell 27 ta' Gunju 1997) u "*skont kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss li huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti."* (**Ruth Apap vs Noel Apap** – P.A. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe**. P.A. AF 15-1-2014).

Jirrizulta li kien hemm kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Sarah Bugeja datat 5 ta' Novembru 2014, mertu tal-kaz odjern, Dok A (fol 6-11).

Skont l-imsemmi kuntratt senjatament fir-raba' klawsola huwa pattwit *espressis verbis* li :

*"Id-debituri jaqblu illi f'kaz illi jkunu moruzi fil-hlas ta' <u>pagament mensili wiehed</u>, u l-kreditur jinterpellahom permezz ta' att gudizzjarju sabiex jaghmlu dan il-pagament, u fi zmien gimgha mid-data tan-notifika ta' tali*

*interpellazzjoni huma jibqghu hekk moruzi, huma jitlifu u jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu, jibdew jiddekorru l-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi ta' dak iz-zmien, illi attwlament hija ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc rimanenti u tali bilanc rimanenti tas-somma originarjament dovuta ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€22,500)………flimkien mal-imghax dekorribbli fuq l-imsemmija somma sad-data tad-dekadenza tat-terminu, ikun dovut kollu kemm hu mid-debituri f'daqqa. Il-partijiet jaqblu li tali dekadenza u telfien ta' terminu huwa minghajr pregudizzju ghall-imghax li jibqa' jiddekorri fuq l-ammont dovut mid-debituri sad-data tal-hlas effettiv."*

Illi r-rikorrenti sostnew li kienu qed isiru l-pagamenti mensili kull xahar, izda f'Marzu 2016, meta l-intimati naqsu milli jaghmlu l-pagament fl-ewwel gurnata tax-xahar hekk kif miftiehem fil-ftehim fi klawsola tlieta (3) (fol 9), huma baghtu l-ittra ufficjali, hekk kif stipulat fl-istess kuntratt bejn il-kontendenti. Jirrizulta li l-intimati baqghu inadempjenti *nonostante* l-interpellazzjoni ufficjali fuq imsemmija.

Jirrizulta wkoll mill-kopji ta' dokumenti bankarji esebiti mal-affidavit tar-rikorrent, li l-intimati ma hallsux il-pagament mensili kif kien qed isir precedentement, f'Marzu 2016. Jigi osservat, li l-istatement esebit mal-affidavit tar-rikorrent a fol 52-53 jaghti r-rendikont tal-kont bankarju sal-2016, filwaqt li kopja tad-dokument bankarju esebit mir-rapprezentant tal-Bank, jaghti biss rendikont sal-2015, izda l-evidenza dokumentarja esebita mir-rikorrent, hija korroborata mix-xhud Joanna Bartolo, peress li fit-30 ta' Marzu 2015, jidher l-istess bilanc hekk kif jidher a fol 52, fl-ammont ta' (€1,027.24) Konsegwentement ghan-nuqqas

ta' hlas da parti  tal-intimati f'Marzu 2016, jirrizulta li r-rikorrenti baghtu l-ittra ufficjali, skont it-termini tal-kuntratt.

Jirrizulta mid-dokumenti a fol 53, li fil-fatt, il-pagament li sar mill-intimati wara t-2 ta' Frar 2016, kien fl-14 ta' April 2016. Izda, dan il-pagament ma kienx *entro* t-termini stabbiliti, fi klawsola erbgha (4) tal-kuntrutt, u cjoe` fi zmien gimgha minn notifika peress li gew notifikati fit-23 ta' Marzu 2016. Kwindi, dak mitlub mir-rikorrenti hu li jipprevali dak imnizzel fil-kuntratt billi l-intimati jitilfu l-beneficcju tal-pagamenti mensili u r-rimanenti bilanc jsir dovut fl-intier tieghu.

Illi ghalhekk, huwa evidenti minn evalwazzjoni tal-provi, li l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma leciti u gustifikati, u ghaldaqstant ghandhom jigu milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

**Ghaldaqstant** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati huma moruzi fil-hlas ta' pagament mensili fil-konfront tar-rikorrenti, u dan bi ksur tal-obbligu pattwit permezz ta' klawsoli numri tlieta (3) u erbgha (4) fl-att pubbliku datat 5 ta' Novembru 2014 ippubblikat minn Nutar Dottor Sarah Bugeja.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li konsegwentement, l-intimati ddekadew mill-benficcju tat-terminu  koncess lilhom.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-intimati huma veri, certi u likwidi debituri solidalment bejniethom tar-rikorrenti fis-somma ta' dsatax-il elf u disa' mitt ewro (€19,900).

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' dsatax-il elf, u disa' mitt ewro (€19,900) flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 892/2016 datata nhar il-15 ta' Marzu 2016, u bl-imghax legali mill-15 ta' Marzu 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum*.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2017**